

31974L0149

L 84/8

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

28.3.1974

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

ta' l-4 ta' Marzu 1974

li temenda l-ewwel Direttiva dwar l-istabbiliment ta' ċerti regoli komuni għat-trasport internazzjonali (it-trasport ta' merkanzija bit-triq għal kiri jew għal hłas)

(74/149/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

L-Artikolu 3

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 75(1) tiegħu,

Il-punti li ġejjin huma miżjuda ma' l-Anness I tad-Direttiva tat-23 ta' Lulju 1962:

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew,

“10. It-trasport ta' merkanzija f'vetturi bil-mutur li l-piż mgħobbi permess tagħhom, inkluż dak tal-karrijiet, ma jaqbiżx is-6 tunnellati metriċi jew li t-tagħbija permessa tiegħu, inkluża dik tal-karrijiet, ma taqbiżx it-3-5 tunnellati metriċi.

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali;

11. It-trasport ta' artikoli meħtieġa għall-kura medika f'għajjuna soċjali ta' emerġenza, b'mod partikolari għal diżastri naturali.

Billi huwa mixtieq li r-regoli li japplikaw għat-trasport għandhom jiġu emendati biex jieħdu kont ta' l-iżvilupp tal-kummerċ bejn l-Istati Membri; billi fir-rigward ta' dan il-bżonn huwa essenzjali li, fost oħrajn, ċerti tipi ta' trasport b'vetturi b'tunnel-laġġ baxx għandhom jiġu eżentati minn kull kwota jew sistema ta' awtorizzazzjoni; billi, barra minn hekk, huwa xieraq li l-Artikolu 1 ta' l-ewwel Direttiva tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 1962 ⁽¹⁾, dwar l-istabbiliment ta' ċerti regoli komuni għat-trasport internazzjonali (it-trasport ta' merkanzija bit-triq għal kiri jew għal hłas), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 1972 ⁽²⁾, m'għandhiex tibqa' tapplika esklussivament għat-trasport bil-kiri jew bil-hłas,

12. It-trasport ta' merkanzija ta' valur (per eżempju, metalli prezzjużi) effettwat b'vetturi speċjali akkumpanjati mill-pulizija jew gwardji ta' sigurtà oħrajn.”

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 4

L-Artikolu 1

It-titolu tad-Direttiva tat-23 ta' Lulju 1962 hija sostitwita b'dan li ġej:

L-Anness II tad-Direttiva tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 1962 huwa emendat kif ġej:

“L-Ewwel Direttiva tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ta' merkanzija bit-triq bejn Stati Membri.”

(a) l-ewwel sentenza tal-punt 1 hija sostitwita b'dan li ġej:

L-Artikolu 2

Is-subparagrafu li ġej huwa miżjud ma' l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 1962:

“It-trasport minn Stat Membru fiż-żona ta' fruntiera ta' Stat Membru ħdejh viċin, li jestendi għal fond ta' 25 kilometru flinja dritta mill-fruntiera komuni tagħhom, u *vice-versa*.”

“Kull Stat Membru għandu, bil-mod stabbilit fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, jilliberalizza t-tipi ta' trasport internazzjonali ta' merkanzija bit-triq għal kont proprju li jinvolvu Stati Membri oħra elenkati fl-Annessi I u II ta' din id-Direttiva, meta dan it-trasport isir minn jew lejn it-territorju ta' dak l-Istat Membru jew li jgħaddi mit-territorju ta' dak l-Istat Membru.”

(b) il-punt 2 huwa mħassar, u l-punti 3, 4, 5 u 6 huma rienumerati 2, 3, 4 u 5 rispettivament,

(ċ) il-punti li ġejjin huma miżjuda:

“6. It-trasport ta' *spare-parts* għal bastimenti ta' fuq il-baħar.

⁽¹⁾ ĠU C 70, tas-6.8.1962, p. 2005/62.

⁽²⁾ ĠU L 291, tat-28.12.1972, p. 155.

7. It-trasport ta' animali ħajjin għajr frat għal qatla u żwiemel tar-razza.”

L-Artikolu 5

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi neċessarji biex jilliberalizzaw, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 1974, it-tipi ta' trasport imsemmija fl-Artikoli 2 u 3 u fl-Artikolu 4(a) u (ċ) ta' din id-Direttiva.

Kull Stat Membru għandu, fi żmien tliet xhur min-notifika ta' din id-Direttiva u f'kull każ qabel l-1 ta' Lulju 1974, jinforma lill-Kummissjoni bil-miżuri meħuda biex tiġi implimentata din id-Direttiva.

L-Artikolu 6

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-4 ta' Marzu 1974.

Għall-Kunsill

Il-President

W. SCHEEL
